# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DIGRIET

**Kaz Numru 2905 ADeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Laurence Hili**

**u**

**Melita Marine Ltd.**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Nhar l-Erbgha 15 ta' Gunju 2011**

## 1. Dahla

Nhar l-Erbgha 25 ta' Mejju 2011, fil-bidu ta' l-ewwel seduta, l-Avukat Jonathan Abela Fiorentino, f'isem il-kumpanija intimata, talab lic-Chairman tat-Tribunal Industrijali biex jaghti digriet rigwardanti l-eccezzjoni maghmula minnu fid-dikjarazzjoni tal-kaz. Fl-istess seduta l-Avukat Anglu Farrugia, f'isem ir-rikorrent, argumenta kontra l-istess eccezzjoni.

## 2. Eccezzjoni miktuba tal-kumpanija intimata u t-twegiba bil-fomm tar-rikorrent

2.1 L-Avukat Jonathan Abela Fiorentio f'isem il-kumpanija intimata ddikjara bil-miktub "Illi preliminarjament l-azzjoni li tat lok ghal din il-procedura hija rritwali, stante li promossa permezz ta' rikors u mhux skond il-forma mehtiega *ad validate* fl-artiklu hamsa u sebghin (75) subartiklu (3) tal-Kapitlu erba' mija tnejn u hamsin (Kap. 452) ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi din l-azzjoni ghandha tigi michuda, stante li nieqsa l-forma mehtiega mil-ligi. Di piu' issa, li ghaddew aktar minn erba' xhur mid-data tat-temma ta' l-impieg relattiv, ma hemm ebda mezz li bih jista' jigi sanat tali nuqqas."

2.2 L-Avukat Anglu Farrugia, f'isem ir-rikorrent, ivverbalizza li "b'kull rispett lejn l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' intimata, li r-rikors promutur

huwa wiehed ritwali u mhux fil-forma mehtiega *ad validate*, ma huwiex il-kaz; tant li mill-istess stqarrija tal-kaz johorgu *brevamente* fatti u dettalji dwar it-terminazzjoni hekk allegata ingusta tar-rikorrent biex effettivament jista' jigi mahtur dan it-Tribunal Industrijali u jinvestiga dan il-kaz."

**3. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

It-Tribunal Industrijali:

3.1 Ra r-rikors tar-rikorrent datat 18 ta' April 2011.

3.2 Ra l-eccezzjoni miktuba tal-kumpanija intimata, li giet ghall-konjizzjoni tac-Chairman tat-Tribunal Industrijali fil-jum ta' l-ewwel seduta, u l-verbal ta' l-Avukat Anglu Farrugia f'isem ir-rikorrent.

3.3 Ra d-dikjarazzjoni tal-kaz tal-kumpanija intimata minn fejn jirrizulta li l-kumpanija intimata ghamlet prezentazzjoni dettaljata u ezawjrenti ghall-allegazzjoni tar-rikorrent rigwardanti t-temma ta' l-impieg tieghu minn mal-kumpanija intimata.

3.4 Ghamel riferenza ghall-Kapitlu 452 Artiklu 75 sub-artiklu (3) tal-Ligijiet ta' Malta, minn fejn jirrizulta li fis-sub artiklu rilevanti ma hemm ebda elenku ta' fatti li jehtieg jiddahhlu fil-rikors u li fuqu jista' jkun deciz jekk ir-rikors huwiex validu jew le.

**4. Digriet**

It-Tribunal Industrijali:

4.1 Ikkonkluda li l-allegat nuqqas ta' fatti fir-rikors tar-rikorrent ma tellfu xejn lill-kumpanija intimata milli tgharaf il-pretensjonijiet tar-rikorrent u taghmel prezentazzjoni ezawjrenti tal-kaz.

4.2 Jaqta' u jiddeciedi li r-rikors hu validu skond il-ligi u konsegwentement jichad it-talba ta' l-Avukat Jonathan Abela Fiorentino f'isem il-kumpanija intimata u jghaddi biex jibda jisma' l-kaz.

________________

A. DEGIOVANNI
Chairman